# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D Dip. Can. Mar.**

**Seduta mizmuma illum 8 ta' Gunju 2016.**

**Rikors Numru 259/2013CSH**

**Elizabeth Calleja**

**Vs**

**David Dowdall**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tal-attrici prezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-3 ta' Settembru 2013 fejn l-istess attrici talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasha, in linea ta' danni s-somma da likwidarsi lilha dovuta ghal danni kagunati minhabba mperizja, negligenza, imprudenza u inosservanza tar-regolamenti, meta fit-3 ta' Settembru 2012, dahal l-ilma mill-fond tal-konvenut ghall-fond ta' Elizabeth Calleja liema ngress ikkawza danni kemm fil-mobbli kif ukoll fl-immobbli fil-fond in kwistjoni. Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

Rat ir-risposta ta' David Dowdall li giet prezentata fit-13 ta' Novembru, 2013 fejn eccepixxa:

*"Illi, in linea preliminari, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) m'hijiex il-forum kompetenti, ratione materie, biex tiehu konjizzjoni ta' din il-kawza stante li danni jistghu jigu likwidati biss mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili;*

*Illi, fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu michuda billi ma huwiex minnu illi l-hsarat ikkawzati fil-proprjeta' tal-attrici graw minhabba xi tort tal-konvenut;*

*Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-mertu, d-danni sofferti tal-attrici huma danni li gew kawzati minn forza maggura li fuqha ma kellu l-ebda kontroll l-esponenti;*

*Illi f'kull kaz l-esponenti jzomm il-proprjeta' tieghu fi stat tajjeb u ghaldaqstant huwa impossibbli li d-danni li soffriet l-attrici kienu tort tieghu.*

*Bl-ispejjes kontra l-attrici li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni inkluz dik ta' l-ittra legali mibghuta fis-sebgha ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (07/08/2013) li hawn annessa kopja taghha."*

**John Calleja** xehed fit-22 ta' Jannar, 2014 fejn iddikjara li huwa jigi t-tifel tal-attrici. Huwa jiftakar li fit-3 ta' Settembru, 2012 meta huwa kien fir-residenza ta' ommu 34, Triq Santa Teresa, Tarxien kienet gurnata ta' maltemp u kien filghodu. Huwa stqarr li dak iz-zminijiet huwa kien ghadu kif ghadda minn trawma peress li kien ghadu kif tilef lill-mara tieghu. Ommu ma qaltlux bil-problema li kellha u cioe' li kien diehel l-ilma minn taht kantun min-naha tal-kcina taghha. Naturalment huwa ha ghalih meta sar jaf, ghax filfatt kien sabha qieghda tixxotta l-ilma u filfatt

lanqas setghat tlahhaq bl-ilma li kien diehel. Huwa qaghad jghin lill-ommu jixxottaw l-art b'zewgt ibramel u mbaghad bdiet tnaqqas ix-xita u l-ilma beda jonqos. Filfatt kien dahal hafna ilma u kienet saret hafna hsara. Huwa spjega li l-ghamara tad-dar ixxarbet kollha. Filfatt l-ilma beda jersaq u ma baqax biss fil-kcina tant li l-ilma resaq anke taht it-tarag. L-ghamara taz-zewgt ikmamar fejn hemm il-kamra tas-sodda, il-wall unit u sufan kollha xxarbu. Huwa sostna li llum-il gurnata l-ghamara tidher li hija kollha mikula u mtebba'. Filfatt ix-xhud taha wall unit iehor u qieghda merfugha gol-garaxx minhabba din il-kawza.

Ix-xhud ipprova jikkomunika ma' sid minn fejn kien diehel l-ilma u cioe' mal-konvenut David Dowdall u dan wiegbu li ma setax jigi peress li kien imsiefer. Sussegwentement ix-xhud qallu li kien hemm il-bzonn li tinfetah il-proprjeta' adjacenti pero' Dowdall wiegbu li ma setax jghinu peress li kien imsiefer, pero' l-ghada jew pitghada kien gie u fetah il-post u qallu li kien sab xi sadd fil-bitha tieghu. Minn dakinhar 'il hawn pero' ma regax kien hemm problemi ohra minkejja li ghamlet ix-xita.

**Alex Tanti** xehed fit-22 ta' Jannar, 2014 u ddikjara li l-attrici tigi ommu. Huwa spjega li huwa jittawwal lil ommu wara x-xoghol sabiex jara li kollox sewwa peress li hija mara wahedha. Jiftakar li dakinhar tat-3 ta' Settembru, 2012 huwa kien ittawwal lil ommu kif jaghmel is-soltu ghal habta tas-sebgha ta' filghaxija u sabha tnehhi l-ilma flimkien ma' huh John u kienet ilha mis-sebgha ta' filghodu tnehhi l-ilma. Huwa tenna illi sabiex ma tinkwetahomx, lanqas cemplitlu x-xoghol minkejja li kien il-*birthday* taghha. Naturalment huwa kompla jghin lil huh John sabiex inehhu l-ilma. Filfatt l-ammont ta' ilma kien wiehed eccessiv ghax kienet ilha mis-sebgha ta' filghodu tnehhi l-ilma. Ix-xhud spjega li l-ilma dahal minn go kantun li jaghti ghal proprjeta' ta' David Dowdall. Min-naha ta'

David Dowdall kien mizdud hafna ghax mill-kantun kien jidher li l-ilma kien gej mill-gholi. Mistoqsi jekk regghetx inqalghet din is-sitwazzjoni wiegeb li le minkejja li ghamlet ix-xita. Huwa stqarr li ma jafx ezattament x'kien ghamel il-konvenut, pero' jaf li l-ghada jew il-pitghada l-konvenut spezzjona l-proprjeta' tieghu. Mistoqsi jekk hemmx hsara fid-dar ta' ommu, ikkonferma li hemm.

**Alex Tanti** xehed in kontro esami fid-9 ta' April, 2014 fejn iddikjara li huwa dam jghix ma' ommu l-attrici sakemm izzewweg. Mistoqsi x'relazzjoni kellhom huma mal-konvenut wiegeb li r-relazzjoni taghhom mal-konvenut kienet dejjem wahda tajba hafna. Pero' huma qatt ma gew bzonnu per se. Huma kellhom relazzjoni ta' girien. Huwa spjega li meta kien mar izur lil ommu sab li hija kienet qieghda tnehhi l-ilma minn hdejn is-salott minn fejn kien hemm it-television ghax kien hemm hafna ilma. L-attrici kienet qaltlu li kienu ilhom inehhu l-ilma ghal hin twil. Huwa tenna li l-post fejn ommu kienet qed tnehhi l-ilma kien hemm gholi ta' madwar zewg pulzieri u nofs u zied li pero' l-ilma kien ghadu gej u ommu kienet ilha tnehhi l-ilma minn filghodu.

Ix-xhud sostna li l-ilma kien madwar il-kamra kollha, taht l-ghamara, taht is-sufan u kullimkien. Huwa dam sa xi d-disgha ta' filghaxija biex inehhi l-ilma. Pero' jaf li ommu kienet ilha tnehhi l-ilma mal-gurnata. Meta x-xhud kien prezenti huma bdew jigbru l-ilma bil-bicca u jaghsruha gol-barmil fejn imbaghad tefghu l-barmil bl-ilma barra ghal got-triq. Huwa l-ilma ma rahx diehel pero' l-hajt kien kollu mxarrab u deher car minn fejn kien gej l-ilma. Ix-xhud stqarr illi ma ltaqax mas-Sur Dowdall meta gie minn barra pero' jaf li kien tkellem ma' huh meta hu kien xoghol.

Mistoqsi kif jista' jghid li kien hemm id-drains tal-konvenut mizduda meta huwa ma dahalx fil-proprjeta' tieghu, wiegeb li huwa wasal ghal din bhala konkluzjoni ghax ra li l-ilma kien niezel mill-hajt tal-appogg ta' mal-konvenut u ghalhekk bilfors li kien hemm xi problema fuq in-naha tal-konvenut. Ix-xhud stqarr illi ma jafx jekk hemmx livell ugwali bejn il-hajt taghhom u l-hajt tas-sur Dowdall. Fil-fatt il-kantun imxarrab kien oghla mil-livel tal-art ta' ommu u l-ilma kien gej minn hemm. Peress li l-kantun kien aktar gholi mill-art tad-dar tal-propjeta' ta' ommu, u ghalhekk ikkalkula li kien hemm sadd u l-ilma kien ghola. Qal li lill-ommu jittawlulu kuljum wara x-xoghol. L-ilma dam in kuntatt mal-ghamara gurnata shiha, kemm dam diehel. Dan huwa qed jghidu ghax ommu qaltlu li kienet damet gurnata tixxotta l-ilma. Iddikjara li fil-fatt is-sufan marlu l-qiegh kollu, l-ghamara li kien hemm ghandha l-parti ta' isfel kollha mittiekla u hemm hsara sewwa, pero' dawn ghadhom hemm sallum. Mistoqsi jekk is-sufan kienx gholi minn mal-art jew le, wiegeb li ma tax kaz x'tip ta' sufan huwa, ghax huwa ilu sentejn li telaq mid-dar. Jaf pero' li kellu l-parti ta' isfel tieghu u ta' taht kollu mmermer. Meta ommu gholliet l-ghamara biex tixxotta l-ilma, wiegeb li kien hemm il-hsara, pero' ezattament kemm kienu ghaddew jiem meta gholliet l-ghamara, ma jiftakarx. Huwa spjega illi wara l-i*spare toilet,* li jinsab wara l-kcina, hemm bieb li jaghti ghall-kcina.

**Miriam Said** xehdet fit-22 ta' Jannar, 2014 fejn iddikjarat li hi tigi bint l-attrici Elizabeth Calleja. Hija spjegat li fit-3 ta' Settembru, 2012 ommha kienet cemplitilha filghodu u qaltilha li kien qed jidhlilha hafna ilma. Ix-xhud qaltilha biex tara jekk issibx in-numru tat-telefon ta' sid il-post adjacenti minn fejn kien diehel l-ilma. Wara li sabet in-numru u cemplulu saru jafu li kien imsiefer. Filfatt kienet ix-xhud li kellmitu u wegibha li

ma seta' jaghmel xejn peress li kien barra minn Malta. Hija dak il-hin hasset li ommha ma setghatx tibqa' f'din is-sitwazzjoni bl-ilma diehel u ghalhekk ippruvat sahansitra ccempel lil tar-Rescue pero' kienu okkupati. Hija sostniet li dakinhar kien hemm hafna ilmijiet ghax hi, li toqghod l-Imgarr u kellha tmur ghand ommha, kienet ser tieqaf u tirriskja hajjitha wkoll. Ix-xhud spjegat li ommha ma riditx turi lil huha b'dak li kien qed jigr peress li kien ghadu kif tilef lill-mara u ma riditx tinkwetah izjed. Pero' x-xhud cemplitlu xorta wahda, w taf li mbaghad hutha John u Alex hadu hsieb huma. Hija ddikjarat li minn dakinhar u lanqas qabel qatt ma kellha din il-problema.

**L-attrici Elizabeth Calleja** xehdet fit-22 ta' Jannar, 2014 fejn iddikjarat li hija toqghod fil-fond 34, Triq Santa Teresa, Tarxien. Hija armla u ilha tghix f'dan il-post ghal dawn l-ahhar tlieta u hamsin sena. L-attrici spjegat li fit-3 ta' Settembru, 2012 waqt li hija kienet id-dar, f'hin minnhom kienet serja l-quddies u rat hafna ilma niezel mill-kcina u mis-salott u kien diehel gewwa u baqa' diehel ghal gewwa. Qalet li dak il-hin hija xtaqet li taghmel l-ghamara u l-cupboard fix-xott ghax taf li hija *chipboard* u kienet qed tirrovina ruhha. Kompliet li wara mar binha kif ukoll bintha Sefora u ghenitha tixxotta. Qalet li Sefora qaghdet tghinha tixxotta u wara hi cemplet lil David Dowdall sabiex tghidlu x'kien qed jigrilha u qaltlu li kellha l-birthday u li ma felhitx tixxotta aktar. Huwa wegibha li kien qieghed holiday u li kien gej il-Hadd. Hija wegbitu li ma riditx iddejjqu, pero' jekk terga' taghmel ix-xita kienet ser terga' ccempillu. Ghal habta ta' nofsinhar ix-xita waqfet. Dak il-hin hija qabdet is-siment u t-terrapien u kahhlet l-art u nixxfitu bil-fann. L-attrici spjegat li ghal habta tal-erbgha mar it-tifel ghandha u beda niezel l-ilma minn kantun iehor minn wara d-divan tas-salott.

Hija ddikjarat li bhala hsara ghanda wall unit bi tlieta tas-salott, wall unit ta' gewwa bi tnejn fejn hemm television, sufan ta' barra li waqaghlu l-qiegh mal-art, poza-umbrella, skrivanija u l-cupboard tal-kcina. Ikkonfermat li dawn ghadhom bil-hsara sal-lum, ghalkemm stqarret li rrangat il-cupboard billi ghamlitlu bicca njama minn taht.

**Elizabeth Calleja** xehdet in kontro ezami fil-5 ta' Marzu 2014 u ddikjarat illi meta fix-xhieda taghha precedenti qalet li kienet sejra l-quddies, riedet tfisser li kienet sejra l-quddies tac-cimiterju tas-sebgha ta' fil-ghodu. Kompliet li meta hija qalet li rat l-ilma niezel mill-kcina, riedet tfisser mill-kantun ta' isfel nett tal-kcina kif ukoll tas-salott. Spjegat li dan mhux minn gebla wahda, izda minn strixxa tul ta' wara l-cupboard u wara s-sodda li hemm fis-salott. Fil-fatt kienet poggiet diversi xugamani biex ma jibqax jiskula l-ilma. Hija spjegat li appena tidhol god-dar taghha ssib salott zghir, imbaghad ghandha kamra daqsxejn akbar mis-salott li tinsab taht it-tarag, fejn ghandha salott iehor b'sodda sufan u television u mbaghad fuq wara ghandha kcina bil-*cupboards* u l-i*spare toilet*. Stqarret li fl-i*spare toilet* ma nizilx ilma. Qalet li ma ghandhiex bitha fuq wara tal-kcina.

L-attrici spjegat li isfel kollu tan-naha tal-lemin taghha jmiss mal-propjeta' tal-konvenut. Mistoqsija jekk il-proprjeta' taghha tinsabx aktar l'isfel jew aktar 'il fuq mill-proprjeta' tal-konvenut, wiegbet li sa fejn taf hi huma qeghdin livell wiehed. Hija ddikjarat li dakinhar kienet gabet wahda tfajla tghinha u kienet damet ghandha sas-siegha u kienet tatha hamsin Ewro. Imbaghad meta kien wasal lura Mr. Dowdall kienet talbithomlu, izda hu wegibha li jekk hija titolbu l-flus daqshekk kien ha jkellimha. Spjegat li din it-tfajla jisimha Sefora u hija t-tfajla tan-neputi taghha u tiddelitta biz-zraben u dakinhar qabel ix-xita kienet telghat sa

Rahal Gdid u marret ghandha. Hija kienet giet ghandha ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu ratha tigbor l-ilma minn hdejn is-sufan.

Hija sostniet li l-ilma li dahal ghandha kien wasal sa xi sitt pulzieri minn mal-art. L-ilma m'akkumulax fil-kantuniera izda infirex kullimkien, ghalkemm l-izjed li kien hemm kien fir-rokna. L-attrici spjegat li mit-tarag li hemm ghall-kamra tal-bejt taghha tara l-bitha tal-konvenut u dakinhar kienet mimlija bl-ilma. Iddeskriviet li din kienet 'tifflowtja'. Hija dakinhar cemplet lill-konvenut fis-sebgha ta' filghodu u cioe' malli ndunat bl-ilma diehel. Kompliet li Sefora cemplet ukoll pero' ma tafx ezatt fi x'hin. Ghall-habta tal-erbgha kien cempillu wkoll it-tifel taghha, John li kien qieghed ghandha, u Dowdall qallu li kellu jasal jumejn ohra, pero' effettivament kien wasal l'ghada w sabha d-dar, pero' lil binha baqa' ma cempillux. Ghall-ewwel kienu Sefora u l-attrici stess li bdew jigbru l-ilma, u wara kienu hi, it-tifel John u t-tifel l-iehor.

Hija spjegat li l'ghada meta kien mar il-konvenut ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinha, rat li l-bitha kienet sbarazzata, pero' fil-fatt meta dahlet ghand il-konvenut l-ghada l-garaxx tieghu kien mimli ilma wkoll. Iddikjarat li Dowdall kien dar fuq il-mara tieghu u qalilha 'ara sa hemm dahal l-ilma', u dan ghax kien jidher fuq il-gir. Ghalkemm stqarret li ma tafx minn fejn kienu gejjin il-konvenuti dak il-hin, qalet li mhux minnu li kien gie direttament mill-ajruport, ghax effettivament il-bitha kienet tnaddfet. Ziedet li dakinhar hija messet il-kantun u sabet li effettivament kien hemm toqba u minn hemm beda jidhol l-ilma ma' tul il-kantun ta' isfel kollu. Qalet li meta effettivament ghamlet is-siment u t-terrapien, hija kienet id-dar wahedha, u minn hemm fil-fatt ma regax nizel ilma, izda beda gej minn bnadi ohrajn. L-ilma dam niezel mis-sebgha ta' filghodu sa nofsinhar u huma l-hin kollu bdew jixxuttaw, u komplew

jixxuttaw ukoll mill-erbgha sas-sebgha. Qalet li fis-sebgha fil-fatt kienu tlieta minn nies, hi u z-zewg subien taghha. Spjegat li Sefora toqghod Haz-Zabbar, u xi hadd wassalha Rahal Gdid. Hija kienet marret biex tixtri xi zarbun, pero' mbaghad baqghet ghandha.

L-attrici kompliet tixhed in ri-ezami fejn iddikjarat li hija ilha tghix fil-post taghha gewwa Rahal Gdid ghal dawn l-ahhar tlieta u hamsin sena u qatt ma dahal ilma fil-post taghha hlief dakinhar. Hija spjegat li kienet telghat fuq biex tara l-proprjeta' adjacenti dakinhar stess fix-xita u nnutat li l-garaxx kien mimli ilma u l-bitha tal-konvenut kienet mimlija wkoll.

**Joseph Schiavone** xehed fil-5 ta' Marzu, 2014 ghan-nom u in rapprezentanza tal-Ufficcju Meteoroligiku. Mistoqsi jghid kemm nizlet xita fil-jum tat-3 ta' Settembru, 2012 wiegeb li nizlet 49.4 millimetri u dan madwar Malta kollha. Huwa esebixxa dokument li jipprova dan u li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument MT. Ix-xhud spjega li meta qal li nizlet 49.4 millimetres, ifisser li nizlet hafna xita dakinhar. Qal li Settembru huwa prevedibbli li jkun hawn maltempati ta' dan it-tip. Esebixxa r-rekord ta' dik il-gimgha, jigifieri tal-ewwel gimgha ta' Settembru u rrizulta li f'zewgt igranet kien hemm 49.4 millimetri u l-ghada 22.2 millimetri. Fis-snin 2013 u 2014 ma kellhomx din ix-xita li kien hemm dakinhar, pero' kellhom qabel.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta Marzu 2014 fejn din il-Qorti innominat lil AIC Mario Cassar u dan sbaiex jaccedi fil-fond tal-attici u jaghmel stima tal-allegati hsarat.

**Il-konvenut David Dowdall** xehed fit-2 ta' April 2014 fejn iddikjara li huwa jigi sid il-fond. L-indirizz tieghu huwa 61, Old Temple Street,

kantuniera ma' St. Theresa Street, Tarxien. Din il-proprjeta' tmiss u hija adjacenti mal-proprjeta' tal-attrici Elizabeth Calleja. Huwa spjega li fuq in-naha ta' St. Theresa Street hemm xi erbghin pied mill-proprjeta' tieghu li jmissu mal-fond proprjeta' tal-attrici. Il-konvenut esebixxa ritratt immarkat bhala Dok. B u qal li minn fejn hemm l-ittra X 'il quddiem hija l-bitha proprjeta' teighu, waqt li l-parti ta' fuq fejn hemm il-hajt divizorju jmiss ma' girien ohrajn. Huwa esebixxa ritratt iehor li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dok. B1 fejn tidher il-proprjeta' tal-attrici u l-hajt divizorju bejn il-proprjetajiet taghhom. Huwa ddikjara li l-bitha in kwistjoni mhix proprjeta' tieghu.

Il-konvenut jiftakar li fit-3 ta' Settembru, 2012 huma kienu rcevew telefonata minghand il-familja tal-attrici fejn qalulhom li kien qed jidhlilhom xi ilma. Meta huma rcevew din l-ahbar huma kienu barra minn Malta u kienu sabuha difficli biex jigu lura Malta dakinhar stess. Huwa stqarr li effettivament kienu rritornaw lura Malta 'l ghada stess ghal habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar. Il-konvenut qal li ghalkemm ma joqghodx f'dan il-fond, pero' jaccedi fil-post darba kull gimghatejn jew kull tliet gimghat b'mod regolari, fejn jiccekkja l-ilmijiet li jinzlu minn fuq il-bejt ghal gol-bitha. Peress illi l-post huwa daqsxejn kbir huwa kien jaghti xi titwila l-hemm u l-hawn. Huwa stqarr illi ftit qabel ma siefru huwa kien acceda fil-font in kwistjoni, cioe' fl-ahhar ghaxart ijiem qabel it-3 ta' Settembru.

Ix-xhud iddikjara li huwa qatt ma kellu xi jghid mas-sinjura Calleja ghalkemm ilhom girien ghal diversi snin. Anzi qal li pjuttost bil-kontra ghax kellhom relazzjoni tajba kemm maghha u anke ma' uliedha. Huwa stqarr illi malli waslu minn barra, huma marru dritt ghand l-attrici u dakinhar stess innota li kien hemm bicciet tal-art maz-zoklatura tal-art

proprjeta' tal-attrici. Mistoqsi jekk dan kienx mat-tul kollu tat-terran, wiegeb li din hija mistoqsija difficli. Qal li filfatt kien hemm sufan mal-istess hajt u ghalhekk huwa ma setax jara fit-tul. Sussegwentament il-konvenut stedinha taccedi fil-garaxx tieghu u jidhirlu li kienu dahlu flimkien. Mistoqsi jekk l-attrici kienetx, wahedha wiegeb li iva kienet wahedha. Huwa spjega li meta kien avzahom li kien ser jasal 'l ghada, it-tifel tal-attrici John kien weghdu li ser ikun prezenti pero' meta marru fuq il-post dan ma kienx hemm. Stqarr illi ghalih kien dizappunt li John ma kienx prezenti ghax huwa ma xtaqx jinkwieta aktar lis-sinjura Calleja.

Mistoqsi jekk innotax xi haga fl-ghamara tal-attrici wiegeb li dak il-hin huwa ma kellux mohh ghax hu kien aktar interessat biex jara li hi kienet f'kundizzjoni tajba peress li kienet tghix wahedha. Huwa sostna li fil-garaxx tieghu ma kien hemm l-ebda tracca tal-ilma u lanqas marki tal-ilma fil-garaxx tieghu ma kien hemm. Il-konvenut iddikjara li minn dakinhar 'l hawn ma messx il-proprjeta', la tibjid u xejn u ghadha hekk sallum. Kompla li filfatt l-attrici kienet irrimarkat li kienet ghamlet xi spejjez u talbitu xi flus. Huwa qabel ma kkomprometta ruhu qalilha biex l-ewwel jindagaw sabiex jaraw minn fejn kien gej l-ilma. Il-konvenut esebixxa dokument iehor li huwa mmarkat bhala Dokument A li huwa l-pjanta tal-garaxx in kwistjoni. Spjega li l-post in kwistjoni mhux livell wiehed izda hemm turgien f'partijiet minnu. Huwa esebixxa ritratt iehor li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument C u dan huwa l-intern tal-garaxx in kwistjoni. Huwa esebixxa wkoll ritratt iehor li gie mmarkat bhala Dokument D. Dan huwa ritratt tal-metre biex jekk infaqatx xi kanna hdejn il-metre, izda ma kienx il-kaz. Huwa spjega li waqt li dokument D1 juri katusa u toqba w stqarr li l-ilma suppost jghaddi minn din il-katusa u mhux suppost jghaddi ghal ghand l-attrici u ghalhekk li kieku kien hemm

l-overflow u qabez it-targa tal-bitha, l-ilma ma kellux ghalfejn jidhol ghand l-attrici izda kien jidhol go din it-toqba.

Dakinhar il-konvenut xehed ukoll in kontro ezami fejn gie mistoqsi jekk effettivament dahalx ilma mill-proprjeta' tieghu ghall-proprjeta' tal-attrici. Wiegeb li huwa fl-ebda hin ma ra l-ilma. Ir-reazzjoni tieghu kienet biex ma jinkwetawx lil xulxin. Stqarr li huwa ma jistax jghid kemm batiet l-attrici minhabba dan id-dhul u l-perkolazzjoni tal-ilma. Il-konvenut cahad li huwa ta l-impressjoni li kien accetta d-danni pero' mhux il-kwantu. Sostna li kien mar fil-propjeta' tal-attrici 'l ghada li rcieva t-telefonata.

Il-konvenut sostna li huma kienu hallsu aktar minn sitt mitt Ewro (€600) ghat-titjira sabiex jigu lura qabel iz-zmien previst taghhom. Filfatt tilfu wkoll il-booking tal-gimgha li kienu diga pprenotaw bil-quddiem. Huwa spjega li l-intrata tal-attrici hija wiesa' normali u cioe' xi tnax-il pied. Mistoqsi jekk rax xi ghamara fin-nofs u mhux mal-hajt wiegeb li jista' jkun li s-sufan u l-putruni ma kienux mal-hajt imma kienu mcaqalqin.

**Il-Perit William Soler** xehed fil-21 ta' Mejju 2014 fejn iddikjara li l-konvenut fil-fatt huwa klijent tieghu. Huwa jaf il-post tieghu gewwa Hal Tarxien, ghaliex fil-fatt kien ha hsieb xi xoghlijiet tieghu. Huwa jaf ukoll fejn qieghda l-propjeta' tal-attrici ghax huwa kien prezenti dakinhar li kien hemm l-access mizmum mill-Perit Mario Cassar. Il-Perit spjega li huwa l-ewwel ra l-propjeta' tal-konvenut min-naha tieghu. Ikkonferma li fil-fatt il-konvenut ghandu garaxx imiss mal-propjeta' tal-attrici, u fuq il-parti ta' wara tal-garaxx tieghu, il-konvenut ghandu bitha. Huwa ghamel spezzjoni tar-*rain water* u *roof drains* u ma jidhirx li hemm xi hsara

fihom u lanqas ma' hemm linji ta' *water lines* fil-garaxx. Huwa tenna li l-garaxx ghandu ftit qlib lejn id-*drain* sabiex f'kaz li jkun hemm xi *overflow* u cioe' jidhol xi ilma fil-garaxx mill-bitha dan ikollu minn fejn johrog ghal got-triq. Huwa kkonferma li l-ispezzjoni li ghamel kienet f'April 2014.

Ix-xhud spjega li huwa ma kienx mar meta kienet sehhet il-maltempata. Qal li waqt l-access mizmum mill- Perit Cassar, hu kien dahal mieghu fil-fond ta' Elizabeth Calleja u raw il-hitan li huma appogg u naturalment fejn hemm l-umdita'. Huwa sostna li kien hemm ghamara rrovinata pero' kkumenta li fil-fatt l-ghamara kienet rovinata ghax kienet ghamara antika u l-injam taghha kien diga maqsum. Ikkonferma pero' li verament kien hemm *patches* fil-hitan fit-tieni kamra qabel ma' tigi ghal kcina. Pero' qal li dawn il-*patches* huma ta' umdita' u mhux ta' dhul ta' ilma ricenti. Din kienet umdita' antika, ghax jidher li din ikollha l-*blisters* u tkun imkahhla kemm-il darba u ghalhekk qal li din tindikalek min-natura taghha stess li din l-umdita' hija antika. Ghalhekk il-Perit iddikjara li huwa ma jistax jikkonferma li effettivament kien dahal l-ilma min-naha tal-konvenut.

Min-naha l-ohra pero' wiehed jista' jikkontempla li l-garaxx tal-konvenut u l-propjeta' tal-attrici jinsabu fuq nizla hafifa u ghalhekk dejjem jghaddi l-*ground water* minn taht il-propjetajiet ta' kullhadd. Ghalhekk peress li huwa ma ra xejn hazin min-naha tal-propjeta' tal-konvenut minn dak li seta' jara hu, stqarr li din il-kwistjoni hija kawza ta' *ground water* li giet aggravata minhabba problema antika ta' umdita'. Ikkonferma li l-garaxx kollu u l-bitha tal-konvenut imissu mal-propjeta' tal-attrici. Pero' zied li fuq il-parti ta' gewwa nett fil-propjeta' tal-attrici, hemm il-kcina, li ma tmissx mal-propjeta' tal-konvenut, ghalkemm iddikjara li huwa ma kejjilx u dan qed jghidu *da occhio* biss. Il-kamra tal-banju tal-attrici tmiss mal-

propjeta' ta' terzi. Fil-fehma tieghu l-ghamara kienet rovinata mhux minhabba l-ilma izda ghax hija ghamara antika. Fil-fehma tieghu l-umdita' ezistenti f'dan il-fond, tmur lura ghal aktar minn ghaxar snin. Pero', zied, naturalment din hija kwistjoni suggettiva.

**Raymond Deidun** xehed fil-21 ta' Mejju, 2014 fejn iddikjara li huwa jiftakar li s-Sur Dowdall kien barra minn Malta u kien cempillu u qallu li kellu xi problema bil-propjeta' tieghu gewwa Hal Tarxien. Jaf li dan effettivament kien hassar il-vaganza tieghu sabiex jigi lura Malta qabel iz-zmien. Ix-xhud spjega li mar l-airport u marru dritt Rahal Gdid sabiex jaraw il-propjeta' in kwistjoni. Ix-xhud tenna li l-konvenut dahal ghand l-attrici izda huwa ma dahalx maghhom u qaghad jistenna barra, pero' appena hargu, ix-xhud dahal fil-propjeta' tieghu u ma sab xejn partikulari, la ra l-ebda water marks u xejn fil-propjeta' in kwistjoni. Fil-fatt iddikjara li s-Sur Dowdall kien gie lura Malta minn barra millum ghal ghada.

Fil-25 ta' Novembru, 2015 xehed il-**Perit Mario Cassar** u pprezenta r-rapport tieghu li gie mmarkat mill-Qorti bhala Dokument MC. Il-Perit iddikjara li thallas ghas-saldu tal-pretenzjoni tieghu.

Minn ezami ta' dan ir-rapport jirrizulta li l-hsara li sofriet l-attrici kienet tikkonsisti fi hsara fl-ghamara, partikolarment f'sufan u wall unit u fit-tibjid tal-hajt u huwa ikkalukula li l-attrici ghandha nefqa ta' madwar elf sitt mija u sitt mija w hamsin Ewro ( €1,650) kif spjegati minnu f'aktar dettal fl-istess realzzjoni li kien ipprezenta ( Dok MC a fol. 66) .

Semghet lill-perit in kontro-esami jixhed nhar il-25 ta Mejju 2016 u jispjega illi huwa kien acceda fil-fond mertu tal-kawza u ra l-hsarat *icto*

*oculi* u jghid li l-hsara kienet wahda ricenti w giet kawzata minhabba *ringers* t'ilma. Jghid li l-hsara fil-wall unit kienet tikkonsisti f'illi c-*chip board* imbezaq 'il barra stante li l-injam ixxarrab, waqt li l-hsara fis-sufan kien fil-*frame*. Jghid li verament is-sufan kellu *wear and tear* pero' huwa kkalkula s-somma t'erbgha mitt Ewro (€400) bhala somma ragonevoli ghaliex is-sufan ghandu uzu u sabiex l-attrici ikollha dan l-uzu ghandha nefqa f'dik ic-cifra *piu' o meno*. Dwar iz-zebgha ma gie mistqosi xejn waqt il-kontro-ezami u ghalhekk jidher li m'hemmx kontestazzjoni dwar din l-istima f'dan ir rigward.

Semghet lill-partijiet jirrimetu ruhhom ghall-atti processwali w talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

**Ikkunsidrat.**

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti sejra titratta l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut dwar procedura, u cioe' li din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza taqta' w tiddeciedi din il-kawza ghaliex hija biss il-Prim' Awla tal-Qorti Civili li tillikwida d-danni.

F`dan ir-rigward taghmel referenza ghas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili tal-25 ta` Settembru 2003 (PA/JRM) fil-kawza fl-ismijiet "**Middle Sea Insurance Company plc vs The Cargo Handling Co. Ltd. et**" u ghas-sentenza ta` din il- Qorti tal-1 ta` April 2003 (PA/JRM) fil-kawza "**World Marketing Limited vs Information Technology Services Limited**" fejn inghad hekk: –

"... l-eccezzjoni taht ezami tintrabat ma` dak li jipprovdi l-artikolu 741 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta` Malta.

Huwa car li din tintrabat mal-paragrafu (b) tal-imsemmi artikolu flimkien mal-artikolu 746, li jirreferi ghall-artikoli migjubin warajh. Skond l-artikolu 747 (1) tal-Kap 12, kawza ta` valur incert jew indeterminat titqies dejjem li taqbez il-kompetenza tal-Qorti ta` gurisdizzjoni limitata. Fost it-tliet cirkostanzi li l-ligi ssemmi bhala kawzi ta` valur indeterminabbli wiehed isib dawk il-kawzi li fihom il-valur tal-haga ma jirrizultax mit-talba attrici u lanqas ma jista` jigi determinat kif jinghad fl-artikoli l-ohrajn li jitkellmu dwar id-determinazzjoni tal-valur tal-kawza. Dan ifisser, mela, li jekk il-valur ma jissemmiex fit-talba attrici ma jgibx, fih innfisu biss, li dik il-kawza hija wahda ta` valur incert jekk dak il-valur huwa determinabbli.

Illi madanakollu, jibqa` l-fatt li fejn il-valur ta` talba huwa incert jew mhux determinat, il-Qorti xierqa biex tisma` dik it-talba skond ir-rieda espressa tal-ligi hija din il-Qorti (Art. 32 tal-Kap 12). Dan ukoll jaghmel parti mit-tifsira li taw il-Qrati taghna ghar-rigward, fejn gie stabilit b`awtorita` li l-Prim` Awla tal-Qorti Civili (u mhux il-Qorti Inferjuri) kienet kompetenti tisma` l-kawza ghax l-attur ressaq talba ghal-likwidazzjoni ta` danni, minkejja li fl-istess waqt iccensuratu talli messu kien jaf li l-oghla ammont ta` kumpens li seta` jiehu ma kien qatt jizboq ammont li johrog mill-kompetenza ta` dik il-Qorti Inferjuri (App. Civ 4.11.1963 fil-kawza fl-ismijiet **Gatt vs Mifsud**, Koll Vol XLVII.i.406).

Illi huwa ghalhekk li jinghad li bhala regola l-kompetenza tal-Qorti hija meqjusa fuq kollox u qabel kull konsiderazzjoni tal-eccezzjonijiet, mit-termini nfushom tat-talba attrici, billi huwa dak l-att promotur kif imressaq (bil-premessi u t-talbiet marbuta maghhom) li jiddefinixxi l-wisgha u l-limitu tal-kompetenza tal-Qorti biex tisma` l-kaz (App. Civ.

7.10.1997 fil-kawza fl-ismijiet **Frankie Refalo noe vs Jason Azzopardi**).

Illi l-imsemmija regola ewlenija hija komplimentata bl-ohra fejn jinghad li l-kwistjoni ta` kompetenza ma tkunx determinata biss minn dak li jinghad fl-azzjoni attrici, imma wkoll minn dak li jressaq l-imharrek bhala eccezzjoni (App Inf , 31.7.1996 fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Zammit vs Joseph Ellul noe**). Kemm hu hekk, fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fil-5 ta` Novembru 1992, fil-kawza fl-ismijiet **Guzeppa Borg vs Maria Mizzi et** (P.A. J.S.P Citaz. 1104/92) inghad li `ghall-fini tad-determinazzjoni tal-kompetenza tal-Qorti ghandu jittiehed kont mhux tat-talbiet attrici imma wkoll tal-eccezzjonijiet tal-konvenut`.

Illi nghad ukoll li meta l-mertu ta` xi talba attrici jkun ta` valur indeterminat, il-Qrati Superjuri jkollhom is-setgha li jisimghu l-kawza, minkejja li xi talbiet ohrajn jaqghu fi hdan il-kompetenza tal-Qrati Inferjuri (App Civ 12.2.2001 fil-kawza fl-ismijiet **Pauline Mizzi vs Concetta Key**).

Illi min-naha l-ohra, l-ligi tghid li l-valur tal-kawza huwa determinat mit-talba, meta tali talba hija ghall-hlas ta` somma determinata (Art 748(a) tal-Kap 12). Il-kriterju tal-valur ta` kawza jistabilixxi quddiem liema Qorti ghandha titressaq kawza, sakemm il-materja tal-kawza innifisha ma tkunx wahda li ta' bilfors trid tinstama` minn Qorti partikolari. Bl-Artikolu 47 tal-Kapitolu 12 tal-Ligjiet ta` Malta hija llum determinata wkoll il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati. Dan l-artikolu jrid jinqara flimkien mal-Artikolu 32(3) tal-istess Kodici."

Din il-Qorti qeghda taghmel taghha dawn l-insenjamenti.

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li l-hsara li sofriet l-attrici taqa' fil-komptenza ta' din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 47. (1) tal-Kap 12, li jipprovdi li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat tista' tisma' l-pretensjonijiet kollha sal-ammont ta' €11,646.87 (naturalment fiz-zmien meta giet intavolata l-kawza odjerna). Illi huwa minnu li l-kliem fuq ir-riors mhumiex daqstant felici stante li ma kienx hemm indikat li l-valur reklamat ma jeccedix il-kompetenza ta' din il-Qorti, pero' llum-il gurnata gie stabilit b'certezza li dan l-ammont jaqa' fil-kompenza ta' din il-Qorti u ghalhekk il-Qorti qieghda tichad din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut.

Dwar il-mertu, l-fatti in breve kienu s-segwenti:-

Illi nhar it-3 ta' Settembru 2013 kienet nizlet hafna xita hawn Malta, b'mod partikolari fl-inhawi ta' Hal-Tarxien. L-attrici tghid li damet gurnata shiha timsah l-ilma li kien diehel mill-hajt divizorju ta' mal-konvenut, tant li kellha xi pulzieri ta' ilma fl-indana ta' isfel u kellha hsarat fl-ghamara taghha konsistenti fil-*wall unit* u sufan u in oltre kelha bzonn tibjida gdida.

Jirrizulta li fuq l-bejt tal-fond adjacent, kif stqarrr il-Perit Roderick Spiteri fic-certifikat tieghu esebit fl-atti a fol. 22 immarkat bhala Dok. RS li ma giex kontestat jew kontradett, kien zamm hafna ilma, kif muri fir-ritratt numru 1 a fol. 22 li jindika li l-bejt ma kienx mizmum tajjeb minkejja li kellu *membrane sheeting* fuqu. In oltre jghid li l-bejt ma kienx jitnaddaf b'mod regolari tant li kien hemm materjal li seta' facilment jimblokka l-pajpijiet u s-sistema tad-dranagg. Qal ukoll li jekk ikun hemm hafna ilma

fuq il-bejt tal-fond adjacent prorpjeta' tal-konvenut, dan jista' facilment jipperkola bejn il-hitan u jidhol fil-proprjeta' tal-attrici. Huwa jattribwixxi l-perkolazzjoni ta' ilma fil-proprjeta' tal-attrici, minghand il-konvenut. Elizabeth Calleja kif ukoll uliedha, lkoll jghidu li damu gurnata shiha jixxuttaw l-ilma li kien diehel, stante li kien mal-madwar tal-indana t'isfel gholi sa sitt pulzieri minn ma l-art. Jghidu li l-ilma infirex kullimkien. Qalet li binha kien cempel lill-konvenut u qallu b'dak li kien qed jigri u dan qalilhom li kien imsiefer izda li kien ser imur jara x'gara mar-ritorn lura Malta. Tghid li wara li tnaddfet il-bitha, l-konvenut mar ghandha w ra l-hsara li kellha, ghalkemm tghid li ma riedx ihallasha tal-hsarat li sofriet.

Joseph Schiavone rapprezentant tal-Ufficcju Meteorologiku ikkonferma li dakinhar kien hemm gelgul ta' ilma w jghid li fis-snin 2013 u 2014 ma nizlitx xita daqs dakinhar ta' dan l-incident.

Il-konvenut jikkonferma li kien imsiefer meta ircieva telefonata minghand l-attrici dwar id-dhul tal-ilma li kellha. Jghid pero' li 'l ghada waslu Malta ghall-habta tal-4.00p.m. u mar ghandha. Jghid li fil-proprjeta' tieghu ma kienx hemm qatra ilma, pero' huwa minnu li fil-proprjeta' tal-konvenuta kien dahal xi ilma peress li kien hemm marki saz-zokklatura. Ra ukoll xi ghamra li kienet imressqa. Qal li huwa ma jghixx fil-fond adjacent ghall-attrici u li jmur hemm xi darba kull gimghatejn jew tliet gimghat sabiex jiccekja l-post, u fil-fatt kien mar ftit jiem qabel ma kien siefer. Jghid li mhux minnu li l-ilma dahal minghandu. Huwa esebixxa numru ta' ritratti sabiex juri l-prossimita' tal-fondi adjacent, kif ukoll il-garaxx tieghu, minn fejn jirrizulta li kien hemm xi marki ta' umdita' mal-art tiela' mal-hajt. Anke fir-ritratt tal-hajt

tal-bitha a fol. 45 jidher li kien hemm xi umdita' u tbajja' mal-hajt li setghu kienu kagunati mill-ilmijiet.

Il-konvenut ressaq bhala xhud tieghu lill-Perit William Soler li qal li huwa m'ghamilx spezzjoni meta sehh l-incident tad-dhul tal-ilma, izda mar fuq il-post, u cioe' fil-garaxx tal-konvenut f'April 2014 u cioe' seba' xhur wara l-akkadut. Ikkonferma li fil-hajt divizorju ta' bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti kien hemm umdita' u ikkonferma ukoll li kien hemm hsara fl-ghamara li hemm fl-fond ta' l-attrici, ghalkemm jghid li kienet rovinata ghaliex l-injam huwa antik u l-injam taghha kien gja maqsum. Qal li kien hemm *patches* ta' umdita', pero' jghid li dawn mhumiex ta' ilma ricenti. Jghid li ma setax jikkonferma li kien dahal l-ilma minghand il-konvenut. Ikkonferma li l-bitha tal-konvenut u l-garaxx tieghu imissu mal-fond ta' l-attrici .

Illi l-konvenut fir-risposta tieghu jghid li fl-ewwel lok din il-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni tisma' dan il-kaz peress illi hija biss il-Prim' Awla tal-Qorti Civili li tista' tillikkwida d-danni. Filwaqt li jghid li fit-tieni lok it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex mhuwiex minnu li l-hsarat ikkawzati graw tort tal-konvenut u li graw rizultat ta' forza magguri li hu ma kellux kontroll fuqha. In oltre iddikjara li huwa jzomm il-proprjeta' tieghu fi stat tajjeb u ghalhekk mhux possibbli li kkaguna xi hsarat lill-attrici.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

*"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*(a)Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*(b)Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*(c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*(d)Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu*

*legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tikkorrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – (Ara b'ezempju* **Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";*

Issa fil-kaz odjern, l-attrici issostni bil-qawwa kollha li l-problema ta' l-iskular ta' l-ilma fil-proprjeta' taghha gejja mill-proprjeta' tal- konvenut u kkonfermat li rat *icto oculi* l-ilma niezel mill-hajt divizorju ta' bejnha w bejn l-konvenut. Dan, il-konvenut ma setax jarah ghaliex wasal fuq il-post wara li l-attrici w uliedha kienu ghamlu gurnata shiha jixxuttaw l-ilma li kien niezel u li kien tela' sa sitt pulizeri mill-art.

Issa huwa principju ben akkolt fil-gurisprudenza taghna li "min ifittex ghad-danni irid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuza izda li dak l-istess att jew ommissjoni ghandhom konnessjoni ta' kawza u effett mad-danni sofferti" (**Kollezz. Vol XXX p111 p142).**

Illi rigward ir-responsabbilita` in dezamina ghandu jinghad is-segwenti:

1.Illi hu principju ormai stabbilit li kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htijietha. L-attrici qed tibbaza l-pretensjonjiet taghha fuq il-htija *aquiliana* li tippresupponi fatti li minnu titnissel *ex nunc*. F'din it-tip ta' azzjoni, kontrarjament ghal dik kontrattwali, ma hemmx rabta obbligatorja antecendenti ghall-att jew ommissjoni li jaghti lok ghad-dannu li l-atturi jallegaw **li gie lilhom kawzat.** Fuq l-atturi jintefa' l-

oneru li jippruvaw in-*nexus* bejn l-agir tal-konvenuti u d-dannu minnhom soffert (ara **Dr. Louis Cassar Pullicino noe vs Angelo Xuereb pro et noe,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-3 ta' Lulju 2003 fost hafna ohrajn li jenuncjaw dan il-principju bazilari tad-dritt).

2.Illi hu meqjus responsabbli t'eghmilu kull min ma juzax il-prudenza, ghaqal u hsieb ta' missier tajjeb tal-familja. Illi kif ritenut fil-kawza **'Biagio Muscat Vs Anthony Falzon'** deciza fit-12 ta' Mejju 2003 Qorti tal-Appelli Sede Inferjuri:

"*Il-Kodici taghna ma jipprovdi l-ebda definizzjoni tal-"kolpa". B'danakollu ma jonqosx milli jippreciza li "jitqies fi htija kull min fl-eghmil tieghu ma juzax il-prudenza, d-diligenza, u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (Art 1032 (1), Kodici Civili). Dan ragjonevolment ifisser illi wiehed jehtieg jikkollega l-att kolpuz minhabba imprudenza jew nuqqas ta' diligenza mar-rekwizit tal-prevedibilita` ta' l-event dannuz. "Prevedibilita` din li trid tkun ta' probabilitajiet ragjonevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili*".

3.Illi konsegwentement jiskatta l-obbligu li wiehed allura jkun irid jaghmel tajjeb ghall-hsara li kkaguna**;**

4.Illi pero` hsara ikkagunata b'accident jew b'forza magguri jbatiha dak li jissubixxi tali hsara – sakemm il-ligi ma tghidx mod iehor;

5.Illi kif ritenut fil-kawza **'Calafato vs Grech',** Qorti tal-Appell, datata t-23 ta' Novembru, 1921, (Vol. XXIV. I. 894):

“ … *quando in un giudizio di risarcimento di danni l’attore allega d’aver sofferto il danno di cui reclama la rifuzione, per colpa del convenuto, egli e’ nell’obbligo di provare un fatto ed una amissione che porti insita la prova della colpa che egli inputa al convenuto ... poiche` la colpa e` un ipotesi guiridica e generica finche` sta nella disposizione della legge o nei trattati di scienza giuridica, ma deve assumere una forma materiale e specifica quando si imputa ad altri come cagione di danni sofferti e risarcibili. Occorreva quindi che nella causa fosse risultata la colpa specifica dell convenuto, consistente in un fatto o una amissione …*”;

6.Illi konsegwentement minn jallega li garrab dannu jrid jipprova kemm l-att u/jew l-ommissjoni, (ara **Bezzina vs Galea**, Qorti ta’ l-Appelli Kriminali, datata t-23 ta’ Novembru, 1984);

Dan premess, l-indagini li trid issir hi dik li jigi stabbilit jekk il-konvenut citat biex jirrispondi ghad-danni ghandux jitqies fi htija ghall-hsara subita mill-attrici. Ukoll ghandu jigi ezaminat jekk dan ta’ l-ahhar bhala l-persuna danneggjata kkontribwiex ghal, jew ikkagunax il-hsara li garrab.

Certament f’kazijiet konsimili kollox jiddependi mic-cirkostanzi tal-kaz. **L-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili** jippreciza li “*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*”. Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` *akwiljana* jew extra-kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali *in subjecta materia*, u tennuncja l-principju in virtu’ ta’ liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu.

Armata b'dan il-principju, in sintesi l-Qorti ghalhekk trid tara jekk il-hsarat sofferti mill-attrici kienux ir-rizultat tad-dhul tal-ilma mill-proprjeta' tal-konvenut fir-residenza proprjeta' tal-attici. Li kien hemm il-hsarat hu indiskuss.

Il-gurisprudenza tghallimna illi:

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet kienux, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mil-preponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment; ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragonevoli*" ('**Emanuel Ciantar vs David Curmi et** deciza mill-Prim'Awla nhar it-28 ta' Marzu 2003).

B'dana kollu, jezistu sitwazzjonijiet fejn l-fatti dannuzi juru l-impronta tal-htija. B'mod li min ikun ipprova dawk il-fatti ghandu jiftiehem li pprova anke il-htija, u allura jkun dmir ta' min ikun kagun ta' dawk il-fatti li jipprova li hu ma kellux htija filli ssucceda. (Ara f'dan is-sens decizjoni [**Vol XXIV p1 p893]**). Ghal din il-Qorti l-kaz prezenti huwa wiehed minnhom.

Ghal dak li jirrigwarda responsabbilita ta' dak li gara, skond l-**artikolu 1031 tal-Kap 16** jinghad li:

"*Kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu.*" ("**Paul Zahra vs Direttur tad-Dipartiment tax-Xoghlijiet Pubblici" AC 3 ta' Dicembru 1991"**).

Illi fis-sentenza "**Anthony Zerafa vs Joseph Sacco"** (P.A. RCP. 29 ta' Marzu 2001) inghad li:

*"Minn dawn l-artikoli ma hemm l-ebda dubju li min minhabba n-nuqqas ta' attenzjoni tieghu, b'negligenza u b'nuqqas ta' prudenza fil-grad rikjest mill-ligi jikkawza bl-atti jew bin-nuqqasijiet tieghu jikkawza hsara lill-haddiehor, ghandu jirrispondi ghal tali hsara hekk ikkawzata, u dan jaghti lok kemm ghall-azzjoni kriminali u kemm ghall-azzjoni civili."*

Illi ma hemmx dubbju li hsara fil-proprjeta tal-attrici hemm, kif del resto ikkonferma l-Perit Tekniku Mario Cassar, u dan fl-ammont ta' elf sitt mija w hamsin Ewro (€1,650). Illi ma hemmx dubju li l-hsara giet ikkagunata billi kien hemm perkolazzjoni tal-ilma. Dan qed jinghad kemm ghaliex l-attrici w uliedha kkonfermaw il-gelgul ta' ilma li kien diehel mill-hajt divizorju ta' bejn il-proprjetajiet tal-kontendenti, kif ukoll min-natura tal-hsara li kien hemm u li giet konstatata mill-Perit Tekniku.

Stante n-natura tal-eccezzjoni tal-konvenut, u cioe' li l-hsara grat minhabba *force majeur*, il-Qorti trid tara jekk il-fatti kif fuq esposti jinkwadrawx ruhhom f'tali eccezzjoni.

Illi l-esponenti principalment qieghed jeccepixxi l-forza magguri. L-Artikolu relevanti huwa l-**Artikolu 1029 tal-Kap. 16** li jghid:

"*Kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.*"

Illi l-gurisprudenza taghna tul is-snin iddefiniet b'mod aktar approfondit dan il-kuncett. Hekk per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Michael Mizzi et vs Tabib Joseph M. Paris et**[1] insibu s-segwenti:

*"Skond il-gurisprudenza tal-qrati taghna l-"forza magguri" hija dik il-forza li ghaliha huwa impossibli li wiehed jirrezisti, mentri l-"kaz fortuwitu" huwa dak meta avveniment ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza. Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Ghalhekk skond il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-dilegenza ordinarja tal-bonus pater familias. Din il-prevedibilita' trid tkun ta' probabilitajiet ragionevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili.* (Ara Vol. XXIV p.l.p. 172; Vol. p.l.p 74; Vol. XLVIII p.l.p. 258)".

Illi f'din il-kawza citata fejn il-prentenzjoni kienet danni kkawzati minn gharar, d-difiza ta' forza magguri ma intlaqghatx ghaliex dik il-Qorti deherilha hekk:

[1] Deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-27 ta' Marzu, 2009 (Appell Civili Numru. 1324/1999/1).

"*Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-incident seta' gie evitat kieku l-appellanti ghamlu x-xoghol li kien ilu jigi mitlub minnhom mir-residenti.*"

Illi sentenza ohra li ezaminat dan il-kuncett kienet **Tabone Computer Centre Limited vs Joe Camilleri**[2]. Il-Qorti qalet hekk:

"*Madankollu, hija regola maghrufa li "perche" l'impossibilita' della prestazione costituisca causa di esonero del debitore da responsabilita', non basta eccepire che la presentazione non possa eseguirsi per fatto del terzo, ma occorre altresi'dimostrare la propria assenza di colpa con l'uso della diligenza spiegata per rimuovere l'ostacolo frapposto da altri all'esatto adempimento" (Cass. 22.10.1973 (Kaz. Nru. 2688). "l'impossibilita' che estingue la obbligazione o giustifica il ritardo nell'adempimento e' da intendere in senso assoluto ed obiettivo e consiste nella sopravvenienza di una causa non imputabile al debitore, che impedisce definitavamente o temporaneamente l'adempimento dell'obbligazione. Il che puo' evidentemente verificarsi solo quando la presentazione abbia per oggetto la consegna di una cosa determinata o di un genere limitato e non gia' quando di una somma di danaro*" (Cass. 15.17.1968 (Kaz. Nru. 1319)).

Illi fis-sentenza **George Farrugia et vs Pacifika Masini noe et**[3] insibu s-segwenti:

"*Dwar id-dritt Franciz ikkummenta l-awtur Barry Nicholas, "The decisions of the Cour de cassation reiterate the proposition that force*

[2] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' April, 2008, (Citazzjoni Numru. 198/2004).
[3] Deciza mill-Prim Awla fis-7 ta' Jannar, 2008, (Citazzjoni Numru. 18/2007).

*majeure refers to events which make performance impossible, not to those which only make it more onerous'. No doctrine of change of circumstances or economic impossibility or disappearance of the foundation of the contract or frustration of the adventure has been admitted by the civil courts, even in the aftermath of two catastrophic wars..... The impossibility must be absolute. To this the only exception is for contracts involving personal performance. Thus an author who had contracted to write a play by certain date was exempted from liability when a dental operation prevented him from writing for three weeks*"[4]. (Pagna pagna 203 mill-ktieb citat f'din is-sentenza).

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax li effettivament din kienet kwistjoni ta' *force majeur* u dan ghaliex mill-provi prodotti jirrizulta li kienet biss l-attrici li kellha din il-perkolazzjoni ta' ilma u in oltre li l-perkolazzjoni ta' ilma skond il-Perit ex-parte Roderick Spiteri, li ma giex kontestat, li kien hemm saret minhabba li s-saqaf tal-fond adjacent, prorpjeta tal-konvenut, ma kienx qieghed fi stat tajjeb ta' manutenzjoni u kien hemm *seepage* tal-ilma bejn il-fondi. Dan zgur seta' gie evitat facilment li kieku l-konvenut ghamel il-manutenzjoni mehtiega.

**Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tichad l-ecezzjonijiet kollha tal-konvenut b'dan illi qieghda tilqa' t-talba attrici u qieghda tillikwida id-danni soferti minnha fl-ammont ta' elf sitt mija w hamsin Ewro (€1650) b'dan illi qed tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici din is-somma hekk likwidata minn din il-Qorti.**

[4] Pagna pagna 203 mill-ktieb citat f'din is-sentenza.

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut inkluz dawk tal-hatra tal-perit tekniku.**

**Dott. Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Marbeck Spiteri**
**Deputat Registratur**